MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tad-19 ta' April, 2004

Talba Numru. 2352/2002

**Elexia Stivala**

**Vs**

**Mario Cini**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) rappresentanti rifuzjoni ta' depozitu ta' Lm800 ghal xogholijiet li kellhom jigu ezegwiti mill-konvenut, liema xogholijiet ma sarux u dana minghajr raguni gusta. Dawn ix-xogholijiet kellhom jikkonsistu f'manifattura ta' bibien ta'l-injam u twahhil ta'l-istess bibien fil-fond Plot 8, Triq is-Siegh, Ta'l-Ibragg. Inoltre l-indampjenza tal-konvenut illi m'ottemperax ruhu ma'l-obbligi kontrattwali tieghu ikkaguna danni ulterjuri lill-attrici liema danni ma jecceddux il-Lm200.

Ra r-risposta tal-konvenut li giet ipprezentata fis-7 ta’ Marzu 2003, fejn huwa eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi l-attrici ghandha tipprova jekk kienx hemm terminu prefiss li fih kellu jitlesta x-xoghol.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Sema' x-xhieda ta’ l-attrici, kif ukoll ta’ Vilemina Stivala u ta’ Emanuel Micallef Grimaud.

Ra illi l-konvenut baqa’ ma ressaqx provi in sostenn ta’l-eccezzjonijiet minnu sollevati u kwindi fis-seduta tal-4 ta’ Frar 2004, il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra.

Illi l-attrici kienet inkarigat lill-konvenut sabiex jezegwixxi xoghol ta’ manifattura ta’ aperturi ghall-fond, proprjeta’ taghha Plot 8, Triq is-Siegh. Ta’l-Ibragg. L-attrici tikkontendi illi x-xoghol kellu jitlesta sa Dicembru 2001 u hija kienet ghaddiet depositu ta’ Lm800 lill-konvenut li thallas permezz ta’ cekk datat 19 ta’ Novembru 2001 u dana kif jirrizulta mid-Dokumenti ES1 u ES2 esebieti a fol.21 u 22 ta’l-atti processwali.

Ghalkemm sar ftehim f’dan is-sens bejn il-kontendenti (ara Dokument ES3), jidher illi l-konvenut naqas u ma ezegwiex dan ix-xoghol. Fil-fatt l-attrici tikkontendi illi sa Gunju 2002 hija kienet ghadha minghajr dawn l-aperturi. Ghalkemm l-konvenut talab lill-attrici depozitu iehor, hija irrifjutat li taghmel dan u infurmat lill-konvenut illi hija ma xtaqitux ikompli bix-xoghol u talbitu ilesti zewg bibien sabiex ikopru il-pagament ta’ Lm800 li kienet tatu. Izda sa Ottubru 2002, l-konvenut baqa’ ma ghamel xejn u ghalhekk l-attrici kienet inkarigat persuna ohra.

Dana gie ikkonfermat kemm minn omm l-attrici kif ukoll minn zewgha (li fiz-zmien in kwistjoni kien ghadu l-gharus taghha), Emanuel Micallef Grimaud.

Illi l-konvenut naqas li iressaq l-provi tieghu in sostenn ta'l-eccezzjonijiet minnu sollevati u dana ghalkemm kellu opportunita sabiex jaghmel dan.

Ikkunsidra.

Illi l-attrici invokat id-dritt moghti lilha bil-ligi fl-artikolu 1640 tal-Kodici Civili meta hija inhallet mill-ftehim ta'l-appalt li kien sar bejn il-kontendenti. Illi peress illi mill-provi jirrizulta illi l-konvenut kien ghadu lanqas beda bix-xoghol tieghu u lanqas ressaq provi f'dan ir-rigward, kwindi lanqas ma huwa intitolat ghal dak li taghtih il-ligi fis-sub-inciz ta'l-artikolu hawn fuq citat u kwindi l-attrici ghandha dritt li tigi rifuza d-depozitu kollu illi hija hallset lill-konvenut fl-ammont ta' Lm800.

Illi ghandu jinghad illi ghalkemm l-attrici qieghda titlob l-ammont ta' Lm200 bhala danni sofferti minnha minhabba inadempjenza da parti tal-konvenut, hi ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' din it-talba u kwindi ma hemm xejn x'jindika illi hija fil-fatt sofriet dawn id-danni. Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tisthoqq li tigi milqugha limitatament biss ghar-rigward tat-talba ghad-danni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa' it-talba attrici limitatament ghas-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800), jilqa' ukoll limitatament l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghar-rigward biss ghat-talba tad-danni fl-ammont ta' Lm200 u filwaqt li jichad l-kumplament ta'l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jikkundannah ihallas lill-attrici is-somma ta' Lm800.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jithallsu in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenut u kwart (1/4) mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------